



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 59/23

il-Lussemburgu, it-18 ta' April 2023

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-699/21 | E. D. L. (Raġuni ta' rifjut ibbażata fuq mard)

Mandat ta' arrest Ewropew: riskju ta' perikolu manifest għas-saħħa tal-persuna rikjesta jiġġustifika s-sospensjoni temporanja tal-konsenja tagħha u jimponi fuq l-awtorità ta' eżekuzzjoni l-obbligu li titlob lil-awtorità emittenti informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet li fihom din il-persuna ser tkun suġġetta għal prosekuzzjoni jew detenuta

Jekk il-konsenja tista' toħloq, għall-persuna marida serjament, riskju ta' trattamenti inuman jew degradanti li ma jistax jitwarrab f'terminu raġonevoli, l-awtorità ta' eżekuzzjoni ma tistax teżegwixxi l-mandat ta' arrest

Fid-9 ta' Settembru 2019, il-Qorti Muniċipali ta' Zadar (il-Kroazja) ħarġet mandat ta' arrest Ewropew kontra E. D. L., residenti fl-Italja, bil-għan li jitressqu proċeduri kriminali fil-Kroazja.

Wara perizja psikjatrika, il-Qorti tal-Appell ta' Milano, li kienet kompetenti sabiex teżegwixxi dan il-mandat ta' arrest, ikkonstatat l-eżistenza ta' problema psikotika li teħtieġ li jiġi segwit trattament mediku u psikoterapewtiku, kif ukoll riskju serju ta' suwiċidju fil-każ ta' prigionerija. Hija qieset, minn naħa, li l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew kellha tinterrompi t-trattament ta' E. D. L. u twassal għal deterjorazzjoni tal-istat tas-saħħa ġenerali tiegħu, li l-effetti tagħha jistgħu jkunu ta' serjetà eċċezzjonali, jekk mhux saħansitra riskju kkonfermat ta' suwiċidju. Hija kkonstatat, min-naħa l-oħra, li d-dispożizzjonijiet Taljani li jittrasponu d-Deċiżjoni Qafas dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew ma jipprevedux li raġunijiet ta' saħħa ta' dan it-tip jistgħu jikkostitwixxu raġuni għar-rifjut tal-konsenja. Hija għalhekk saqsiet lill-Qorti Kostituzzjonali Taljana dwar il-kostituzzjonalità ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

Peress li qieset li l-kawża ma tikkonċernax biss il-kompatibbiltà tal-imsemmija dispożizzjonijiet mal-Kostituzzjoni Taljana, iżda wkoll l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tiegħu dawn huma l-implimentazzjoni, il-Qorti Kostituzzjonali Taljana għamlet domanda preliminarj lill-Qorti tal-Ġustizzja. Peress li r-rifjut ta' konsenja tal-persuna rikjesta ma huwiex previst fil-każ ta' patoloġija ta' natura kronika ta' tul potenzjalment indeterminat, il-Qorti Kostituzzjonali Taljana tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja kif tipprevjeni r-riskju ta' ħsara gravi għas-saħħa ta' din il-persuna, li l-kundizzjonijiet tagħha jistgħu jiddeterjoraw ruħhom kunsiderevolment fil-każ ta' konsenja. B'mod partikolari hija tistaqsi jekk l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandiex titlob mingħand l-awtorità ġudizzjarja emittenti l-informazzjoni li tippermetti li tali riskju jiġi evitat u jekk hija għandiex tirrifjuta l-konsenja jekk hija ma tiksibx, fi żmien raġonevoli, il-garanziji meħtieġa sabiex dan ir-riskju jitwarrab.

Fis-sentenza tagħha tal-Illum, **il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kompożizzjoni bħala Awla Manja, tfakkar li l-prinċipji ta' fiduċja u ta' rikonossiment reċiproku għandhom importanza fundamentali fid-dritt tal-Unjoni, (30) fejn it-tieni wieħed min dawn il-prinċipji jikkostitwixxi l-"pedamenti" tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam kriminali.**

Minn dan isegwi, minn naħa, li l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni jistgħu jirrifjutaw li jeżegwixxu mandat ta'

arrest Ewropew biss għal raġunijiet li jirriżultaw mid-Deċiżjoni Qafas u, min-naħa l-oħra, li r-rifjut ta' eżekuzzjoni huwa magħruf bħala eċċezzjoni li għandha tkun is-suġġett ta' interpretazzjoni stretta. Fil-fatt, teżisti preżunzjoni li l-kuri u t-trattamenti offruti fl-Istati Membri għall-kura, b'mod partikolari, ta' patoloġija gravi, ta' natura kronika u potenzjalment irreversibbli huma xierqa. Madankollu, meta jeżistu raġunijiet validi, abbażi ta' elementi oġġettivi, li jitqies li l-konsenja ta' persuna rikjesta tirriskja li tipperikola manifestament is-saħħa tiegħu, **l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tista', b'mod eċċezzjonali, tissospendi temporanjament din il-konsenja.** Is-setgħa ta' evalwazzjoni ta' dan ir-riskju għandha tiġi eżerċitata mill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni fl-osservanza tal-projbizzjoni ta' trattamenti inumani u degradanti prevista mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Sabiex ikun kopert minn din il-projbizzjoni, dan it-trattament għandu madankollu jilħaq limitu minimu ta' gravità li jaqbeż il-livell inevitabbli ta' sofferenzi inerenti għad-detenzjoni.

Għalhekk, meta l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha, fid-dawl tal-elementi oġġettivi li hija jkollha, raġunijiet serji u kkonfermati li temmen li l-konsenja tal-persuna rikjesta, li tkun serjament marida, tkun ser tesponiha għal riskju reali ta' tnaqqis sinjifikattiv tal-aspettattivi ta' ħajja tagħha jew għal deterjorazzjoni rapida, sinjifikattiva u irrimedjabbli tal-istat ta' saħħa tagħha, **din l-awtorità hija obbligata tissospendi l-konsenja.** F'dan il-każ, sabiex tiġi żgurata kooperazzjoni effikaċi fil-qasam kriminali, **hija għandha titlob lill-awtorità ġudizzjarja ta' emissjoni tipprovdilha kull informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet li fihom ikun ipplanat li l-persuna rikjesta tiġi suġġetta għal prosekuzzjoni jew detenuta. Jekk ir-riskju msemmi iktar 'il fuq ikun jista' jitwarrab minħabba garanziji pprovduti mill-awtorità ġudizzjarja ta' emissjoni, il-mandat ta' arrest Ewropew għandu jiġi eżegwit.**

Huwa madankollu possibbli li, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta mill-awtorità ġudizzjarja ta' emissjoni, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tasal għall-konklużjoni li, minn naħa, fil-każ ta' konsenja lill-Istat Membru ta' emissjoni, jkun hemm ir-riskju reali li l-persuna rikjesta tkun suġġetta għal trattament inuman u degradanti u li, min-naħa l-oħra, dan ir-riskju ma jkunx jista' jitwarrab f'terminu raġonevoli. F'dan il-każ, **l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha tirrifjuta li teżegwixxi l-mandat ta' arrest Ewropew. Min-naħa l-oħra, jekk l-imsemmi riskju jista' jitwarrab f'tali terminu, għandha tiġi miftiehma data ġdida ta' konsenja mal-awtorità ġudizzjarja ta' emissjoni.**

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u s-sunt](#) tas-sentenza jinsabu fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-ġhoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106

Ibqgħu konnessi!

